# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2023**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 261/2016 JVC**

**Carmen Zammit (KI 787851 M), Elizabeth Zammit (KI 437553 M) u Miriam Sacco (KI 128055 M)**

**vs**

**Iris Debattista (KI 837050 M), Josephine Cutajar (KI 397062 M), u Pauline Bartolo (KI 873949 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Carmen Zammit ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi fit-28 ta' Novembru, 1991 miet Joseph Magro, missier il-kontendenti, permezz ta’ testment 'unica charta' datat 9 ta Lulju, 1991, atti Nutar Dottor Mario Bugeja;

2. Illi b'dan il-precitat testment id-decujus, oltre li ipprovda flimkien ma' martu, ghal certi laxxiti, istitwixxa u innomina lis-sitt uliedu fi kwoti ugwali bhala eredi universali u padruni assoluti ta gidu;

3. Illi fis-27 ta' Dicembru, 2014 mietet Giovanna Magro, mart id-defunt imsemmi u omm il-kontendenti permezz ta' testment datat 3 ta Frar, 2010 atti Nutar Dottor Mario Bugeja;

4. Illi b'dan it-testment l-istess Giovanna Magro, wara li hassret u irrevokat kull testment iehor li setghet ghamlet qabel, iddisponiet mill-beni taghha permezz ta' legati lit-tliet intimati, istitwithom werrieta taghha, u ipprovdiet ghall-porzjoni rizervata fuq l-istess gidha favur l-atturi;

5. Illi l-atturi ma jridux jibqghu fi stat ta' komunjoni mal-intimati relattivament ghas-successjoni tal-missier Joseph Magro u jridu li tigi likwidata lilhom il-porzjoni rizervata spettanti fuq l-eredita' ta' l-omm Giovanna Magro;

Jghidu ghalhekk l-istess intimati ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti:

1. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn l-imsemmija Joseph u Giovanna konjugi Magro billi jigi dikjarat jikkonsisti f’dawk il-beni mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt il-kors tal-kawza;

2. Taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Magro;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Magro billi jigu dikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u l-beni kollha l-ohra parafernali mobbli u immobbli li jirrizultaw waqt il-kors tal-kawza;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Giovanna Magro billi jigu dikjarati jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u l-gid l-iehor parafernali taghha kif rizultanti waqt il-kors tal-kawza;

5. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta' Joseph Magro f'sitt porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati lill-kontendenti;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni rigwardanti l-assi ta' Joseph Magro, inkluz l-immissjonijiet fil-pusses tal-legati, f'dik id-data, hin u lok li jigu iffissati minn dina l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tillikwida s-sehem rizervat spettanti lill-atturi fuq il-wirt ta' Giovanna Magro;

8. Tordna lill-intimati jhallsu lill-atturi dan is-sehem rizervat hekk likwidat, flimkien mal-imghaxijiet fuq l-istess.

Bl-ispejjes kontra l-intimati ingunti minn issa ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Josephine Cutajar li taqra kif isegwi:

1. 'Fl-ewwel lok, l-esponenti intimata taqbel, kif dejjem qablet, mal-ewwel sitt talbiet rikorrenti, purchè li jittiehed qies tal-legati mhollija mit-testaturi, u b'dana illi jittiehed qies ta' dak li digà gie mehud, filwaqt li żżomm il-jeddijiet kollha taghha, inkluż illi titlob l-immissjoni fil-pussess minghand il-partijiet l-ohra jew xi uhud minnhom ghal-legati mhollija lilha minn Joseph u/jew Giovanna sive Jane Magro.

2. Fit-tieni lok, is-seba' (7) u t-tmien (8) talbiet rikorrenti saru inutilment u dan 'l ghaliex fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), l-intimata esponenti kienet hallset dak kollu illi hija kellha thallas; dan permezz tac-cedoli bin-numri rispettivi 474/16, 475/16, u 476/16 (Dok. '**JC1**', '**JC2**', '**JC3**'). Dawn ic-cedoli gew imressqa wara r-rifjut tar-rikorrenti illi jircievu l-hlas, maghmul lilhom permezz ta' cekk anness mat-tliet ittri rispettivi datati 11 ta' Frar 2016 (**JC4**).

3. Fit-tielet lok, ghall-istess raguni, u stante illi l-esponenti intimata ghamlet sforzi estenwanti biex taghmel il-hlas dovut minnha, hija la ghandha tbati l-ispejjeż ta' din il-kawża u lanqas minn xi forma ta' imghax. Fil-fatt, sejjer jirriżulta illi kienet fil-fatt l-esponenti illi ghamlet l-ewwel kuntatt biex timmanifesta l-intenzjoni taghha illi thallas sehemha mis-sehem riservat dovut lir-rikorrenti, u sahansitra, minn jeddha u bla ebda interpellanza, l-intimata esponenti stiednet lir-rikorrenti sabiex jikkonsultaw ma' avukat bil-ghan li jigu decizi l-ammont u l-modalità tal-hlas; dan kollu permezz ta' ittra datata 18 t' Awwissu 2015 (**JC5**). Sussegwentement, permezz ta' email datata 15 ta' Dicembru 2015, l-intimata esponenti offriet li

thallas is-somma dovuta minnha (**JC6**). Imbaghad, b'ittra datata 15 ta' Jannar 2016, ghal darb' ohra l-esponenti intimata regghet offriet il-hlas (**JC7**). Bi tliet ittri datati 11 ta' Frar 2016 ('**JC4**' - imsemmija hawn fuq), l-esponenti baghtet cekk lil kull wahda mir-rikorrenti bil-hlas dovut. Meta dawn ic-cekkijiet gew ritornati lura lilha, l-esponenti ma kien fadlilha l-ebda għażla ghajr li tiddepożita dawn l-ammonti taht l-awtorità tal-Qorti (Dok. '**JC1**', '**JC2**', '**JC3**' l-imsemmija hawn fuq).

4. Fir-raba' lok, il-hlas imsemmi hawn fuq sar abbażi ta' stejjem imfassla ghall-finijiet tal-*causa mortis* relattiva ghall-wirt ta' Giovanna sive Jane Magro minn perit indipendenti, miftiehem u maqbul bejn il-partijiet kollha fi presenza ta' terzi. Dawn l-istejjem, li jirriflettu il-prezz veru fis-suq, saru fil-presenza kostanti tar-rikorrenti, u bl-istruzzjonijiet u b'accettazzjoni shiha taghhom.

5. Fil-hames lok, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida hi xorta wahda s-sehem riservat dovut, jehtieg jittiehed il-valur tal-assi imhollija minn Giovanna sive Jane Magro fid-data tal-ftuh tas-successjoni, b'dana illi ghandhom jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali, kif ukoll dak kollu digà mehud mir-rikorrenti minghand Giovanna sive Jane Magro, kemm f'hajjitha u kif ukoll wara l-mewt taghha; dan kif, fost l-ohrajn, iridu l-artikoli 615, 620 (2), u 620 (4) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, u b'riserva li l-esponenti intimata tressaq kull eccezzjoni ulterjuri ili tista' tkun awtorizzata tressaq skont il-ligi, u minghajr pregudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tal-partijiet jew min minnhom.

**DIKJARAZZJONI ta' Josephine Cutajar (K.I. nru. 397062(M)), permezz ta' liema qieghda tikkonferma ILLI:**

1. Il-fatti espressi fil-paragrafu wiehed (1) sa erbgha (4) jirrizultaw mid-dokumenti mehmuza mar-rikors guramentat, Mill-bqija:

2. Dwar l-ewwel (1) eccezzjoni, jinghad illi l-esponenti intimata taqbel, kif dejjem qablet, mal-ewwel sitt talbiet rikorrenti, purche' li jittiehed qies tal-legati mhollija mit-testaturi, u b'dana illi jittiehed qies ta' dak li diga gie mehud, filwaqt li zzomm il-jeddijiet kollha taghha, inkluz illi titlob l-immissjoni fil-pussess minghand il-partijiet l-ohra jew xi uhud minnhom ghal-legati mhollija lilha minn Joseph u/jew Giovanna *sive* Jane Magro.

3. Dwar it-tieni (2) eccezzjoni, jinghad illi is-seba' (7) u t-tmien (8) talbiet rikorrenti saru inutilment u dan 'l ghaliex fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), l-intimata esponenti kienet hallset dak kollu illi hija kellha thallas; dan permezz tac-cedoli bin-numri rispettivi 474/16, 475/16, u 476/16 (Dok. '**JC1**', '**JC2**', '**JC3**'). Dawn ic-cedoli gew imressqa wara r-rifjut tar-rikorrenti illi jircievu l-hlas, maghmul lilhom permezz ta' cekk anness mat-tliet ittri rispettivi datati 11 ta' Frar 2016 (**JC4**).

4. Dwar it-tielet eccezzjoni, jinghad illi ghall-istess raguni, u stante illi l-esponenti ghamlet sforzi estenwanti biex taghmel il-hlas dovut minnha, hija la ghandha tbati l-ispejjeż ta' din il-kawża u lanqas minn xi forma ta' imghax. Filfatt, sejjer jirriżulta illi kienet filfatt l-intimata esponenti illi ghamlet l-

ewwel kuntatt biex timmanifesta l-intenzjoni taghha illi thallas sehemha mis-sehem riservat dovut lir-rikorrenti, u sahansitra, minn jeddha u bla ebda interpellanza, l-intimata esponenti stiednet lir-rikorrenti sabiex jikkonsultaw ma' avukat bil-ghan li jigu decizi l-ammont u l-modalità tal-hlas; dan kollu permezz ta' ittra datata 18 t' Awwissu 2015 (**JC5**). Sussegwentement, permezz ta' email datata 15 ta' Dicembru 2015, l-intimata esponenti offriet li thallas is-somma dovuta minnha (**JC6**). Imbaghad, b'ittra datata 15 ta' Jannar 2016, ghal darb' ohra l-esponenti intimata regghet offriet il-hlas (**JC7**). Bi tliet ittri datati 11 ta' Frar 2016 ('**JC4**' - imsemmija hawn fuq), l-esponenti baghtet cekk lil kull wahda mir-rikorrenti bil-hlas dovut. Meta dawn ic-cekkijiet gew ritornati lura lilha, l-esponenti ma kien fadlilha l-ebda għażla ghajr li tiddepożita dawn l-ammonti taht l-awtorità tal-Qorti (Dok. '**JC1**', '**JC2**', '**JC3**' l-imsemmija hawn fuq).

5. Dwar ir-raba' (4) eccezzjoni, jinghad illi l-hlas imsemmi hawn fuq sar abbażi ta' stejjem imfassla ghall-finijiet tal-*causa mortis* relattiva ghall-wirt ta' Giovanna sive Jane Magro minn perit indipendenti, miftiehem u maqbul bejn il-partijiet kollha fi presenza ta' terzi. Dawn l-istejjem, li jirriflettu il-prezz veru fis-suq, saru fil-presenza kostanti tar-rikorrenti, u bl-istruzzjonijiet u b'accettazzjoni shiha taghhom.

6. Dwar il-hames (5) eccezzjoni, jinghad illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida hi xorta wahda s-sehem riservat dovut, jehtieg jittiehed il-valur tal-assi imhollija minn Giovanna sive Jane Magro fid-data tal-ftuh tas-successjoni, b'dana illi ghandhom jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali, kif ukoll dak kollu digà mehud mir-rikorrenti

minghand Giovanna sive Jane Magro, kemm f'hajjitha u kif ukoll wara l-mewt taghha; dan kif, fost l-ohrajn, iridu l-artikoli 615, 620 (2), u 620 (4) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. L-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u b'riserva li l-esponenti tressaq kull eccezzjoni ulterjuri illi tista' tkun awtorizzata tressaq skont il-ligi, u minghajr pregudizzju ghal kull jedd tal-esponenti fil-konfront tal-partijiet jew min minnhom.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Iris Debattista li taqra kif isegwi:

1. 'Illi, preliminarjament hemm qbil, illi tigi likwidata il-komunjoni ta' l-akkwisti li kienet teżisti bejn il-mejtin Joseph u Giovanna konjugi Magro, u tigi dikjarata il-konsistenza ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti, u jigi konsegwentement likwidat, u diviż l-assi partikolari tal-mejjet Joseph Magro, kif jinghad fil-hames (5) u fis-sitt (6) talba attrici, inkluż l-immissjonijiet fil-pussess tal-legati.

2. Illi dwar il-konsistenza u l-likwidazzjoni ta' l-assi appartenenti lill-mejta Giovanna Magro, jigi rilevat;

a). illi n-nofs (1/2), indiviż tal-Garaxx, un-nofs indiviż (1/2) tal-hanut, (numri wiehed u tletin (31) u tlieta u tletin (33) rispettivament), gewwa Triq l-Imterqa, l-Imqabba, ma kienux jappartjenu lill-mejta Giovanna Magro, stante li dawn kienu inbieghu lill-esponenti matul hajjitha, kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-provi.

b). Illi irid jittiehed kont ukoll tal-fatt illi saru benefikati a spejjeż tal-mejta Giovanna Magro sabiex gie reż 'finished', il-komun, u l-flat ta' fuq (Flat 2), formanti parti minn blokk ta' flats fi Triq l-Imterqa, l-Imqabba, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawża.

c). Illi irid ukoll jittiehed kont ta' l-ispejjeż imhallsa mill-esponenti ghar-rigward kontijiet tad-dawl u tal-ilma, u servizzi ohra ghar-rigward il-flat numu 1, formanti parti minn blokka ta' flats gewwa Triq l-Imterqa Imqabba, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-provi.

3. Illi, l-atturi, ġia rċevew u aċċettaw flejjes kontanti appartenti lill-mejta Giovanna Magro, kif ukoll, ir-rikavat mill-bejgh tad-deheb appartenenti lill-imsemmija Giovanna Magro, liema flejjes inżammu minnhom, madanakollu, issa qed jikkontestaw il-valur tas-sehem riservat spettanti lilhom, u sahansitra rifjutaw il-hlas maghmul mill-esponenti, kif ser jinghad, fir-risposti numru erbgha (4) u hamsa (5).

4. Illi ai fini ta' kalkolu ta' kwalunkwe sehem riżervat spettanti lill-atturi mill-wirt ta' Giovanna Magro, ghandhom jitnaqqsu dawk il-flejjes kontanti mill-assi tal-mejta Giovanna Magro, illi l-istess atturi, gia rcevew, kif ukoll ghandu jittiehed kont tar-rikavat li huma gia rcevew mill-bejgh tad-deheb appartenenti lill-mejta Giovanna Magro.

5. Illi l-esponenti gia hallset sehma mill-porzjon riżervat lill-atturi, ai termini tal-ligi, iżda dawn minghajr ebda raguni valida fil-ligi, ciononostante; illi gia aċċettaw, u żammew ghandhom il-flejjes kontanti, u r-rikavat indikati fir-risposti numru tlieta (3) u erbgha (4) hawn fuq; irrifjutaw dan il-hlas, u l-esponenti kienet

għalhekk kostretta illi tiddeposita dan il-ħlas taħt l-awtorita tal-Qorti, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

6. Illi konsegwentement, l-esponenti m'għandha tbati l-ebda imgħax fil-konfront tagħha.

7. Salv risposti ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-atturi, li minn issa huma ngunti għas-subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Diċembru, 2016 id-difensuri tal-intimati rrilevaw li Pauline Bartolo ma pprezentatx risposta ġuramentata u n-nota tagħha mhijiex nota ta' ammissjoni regolari u għalhekk talbu li tiġi dikjarata kontumaċi u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 26 ta' Jannar, 2017 fejn il-Qorti wara li għamlet diversi kunsiderazzjonijiet fiċ-ċirkostanzi kkonkludiet billi ddikjarat lill-intimata Pauline Bartolo kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi;

Rat in-nota pprezentata nhar l-4 ta' Mejju 2016 minn Pauline Bartolo li taqra kif isegwi:

'Li permezz tagħha l-esponenti iġġib a formali konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li hija qiegħda tirrimetti ruħha għat-talbiet tal-atturi, u għaldaqstant ma għandix tbagħti spejjeż ta' dawn il-proċeduri.'

Rat l-affidavits, xiehda, ċertifikati tal-mewt, ċertifikat taż-żwieġ, riċerki testamentarji, testmenti, ċedoli ta' depożitu, ittri, emails, kuntratti, avviżi fuq is-siti elettroniċi u gazzetti, pjanti, ritratti,

permessi, rapporti ta' Periti ex-parte, stimi, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-24 ta' Mejju, 2016 a fol. 53 tal-process il-Qorti hatret lill-Perit Joseph Ellul Vincenti sabiex jaghmel stima tal-immobbli fid-data tal-apertura tas-successjoni, kif ukoll fid-data attwali u dan a spejjez provvizorjament skont l-ishma tal-partijiet bhala werrieta li l-Qorti tiddetermina wara li tara n-noti tal-partijiet;

Rat in-nota tar-rikorrenti ntavolata nhar it-30 ta' Mejju, 2016 a fol. 57 et seq tal-process fejn gew indikati l-proprjetajiet kollha pposseduti minn Joseph u Giovanna konjugi Magro u rat in-nota tal-intimata Josephine Cutajar a fol. 60 et seq tal-process fejn ukoll identifikaw il-possedimenti tal-mejta Joseph u Giovanna konjugi Magro, rat ukoll in-nota ta' Iris Debattista ntavolata nhar l-10 ta' Gunju, 2016 a fol. 62 et seq tal-process fejn indikat l-lista ta' possedimenti tal-konjugi Magro;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti pprezentat fl-atti nhar it-12 ta' Settembru, 2016 u mahluf nhar l-1 ta' Novembru, 2016 li jinsab fl-atti a fol. 68 et seq tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni tal-intimata Josephine Cutajar intavolati nhar is-26 ta' Jannar, 2017 a fol. 93 et seq tal-process, rat id-domandi in eskussjoni tal-intimata Iris Debattista ntavolati nhar it-30 ta' Jannar, 2017 a fol. 133 et seq tal-process, rat id-domandi in eskussjoni tar-rikorrenti ntavolati nhar is-16 ta' Marzu, 2017 a fol. 181 et seq tal-process, u rat it-twegibiet tal-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti ghad-domandi tal-intimata Josephine Cutajar intavolati nhar it-2 ta' Mejju, 2017 a fol. 195 et seq tal-process, rat ir-risposti tal-Perit Tekniku ghad-domandi tar-rikorrenti Carmen

Zammit a fol. 123 et seq tal-process u rat ir-risposti tal-Perit Tekniku Ellul Vincenti ghad-domandi tal-intimata Iris Debattista ntavolati fit-3 ta' Ottubru, 2017 a fol. 128 et seq tal-process;

Rat ukoll ir-risposti ghad-domandi in eskussjoni ulterjuri ta' Dr Errol Cutajar intavolati nhar il-5 ta' April, 2018 a fol. 208 et seq tal-process, rat ukoll ir-risposti tal-Perit Tekniku ghad-domandi ulterjuri tal-intimata Josephine Cutajar intavolati nhar il-5 ta' April, 2018 a fol. 210 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 24 ta' Frar, 2022 il-kawza giet differita ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

**<u>Fatti:</u>**

Illi l-fatti li taw lok ghal kaz odjern huma kif isegwi:

1. Illi l-kawza odjerna hija in parte *actio familiae erciscundae* – kawza ta' divizjoni tal-beni mobbli u mmobbli tal-mejjet Joseph Magro u in parte likwidazzjoni u hlas tal-porzjon riservat fuq il-beni tal-mejta Giovanna Magro – genituri tal-partijiet kollha fil-kawza odjerna li gew nieqsa fit-28 ta' Novembru, 1991 u fis-27 ta' Dicembru, 2014 rispettivament (ara certifikati tal-mewt a fol. 4 u fol. 8 tal-process).

2. Illi Joseph Magro rregola l-wirt u successjoni tieghu permezz ta' testment *unica charta* flimkien ma' martu Giovanna Magro tad-9 ta' Lulju, 1991 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (ara testment a fol. 14 et seq u ricerki testamentarji a fol. 5 et seq tal-process).

Fl-imsemmi testment *unica charta* t-testaturi oltre li hallew b'titolu ta' prelegat l-uzufrutt u d-dgawdija tal-beni kollha favur xulxin fuq il-beni kollha taghhom, hallew diversi legati favur is-sitt (6) ulied u dan bil-mod segwenti:

a. lil Iris Debattista mart Anthony – iz-zewg garages, bla numru, li jinsabu fi Triq l-Imterqa, Mqabba, liema garages jinsabu t-tielet u r-raba' mill-kantuniera, eskluz l-arja taghhom.

b. lil Elizabeth Zammit mart Anthony – iz-zewg garages, bla numru fi Triq l-Imterqa, Mqabba, eskluz l-arja taghhom liema garages huma kontigwi u kantuniera ma' Misrah il-Fidwa.

c. lil Josephine Cutajar mart Guzeppi u Carmen Zammit mart Joseph – l-appartament fit-tieni sular li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti, f'Misrah il-Fidwa, Mqabba, inkluz in-nofs indiviz tal-bejt tal-appartament sovrappost.

d. lil Pauline Bartolo mart Joseph u Miriam Sacco mart Martin – l-appartament li jinsab fit-tielet sular bl-entratura fuq Triq l-Imterqa, Mqabba, nkluz in-nofs indiviz tal-bejt.

e. lil Pauline Bartolo hallewlha wkoll bl-istess titolu ta' legat kull dritt li huma kellhom fuq l-ghalqa maghrufa bhala 'Tad-Dukkieki jew Has-Sejjiek' fil-Qrendi bil-patt li meta Pauline Bartolo tixba' tahdem l-ghalqa moghtija lilha hi ccediha lil xi hadd minn hutha li tkun trid hi.

Fil-kumplament it-testaturi nnominaw u istitwew bhala eredi universali u patruni assoluti ta′ gidhom lis-sitt (6) ulied ilkoll partijiet f′din il-kawza.

Jigi nutat ukoll li t-testaturi ezentaw ukoll lill-uliedhom mill-obbligu tal-konferiment fil-massa ereditarja u mill-imputazzjoni ghal sehemhom ta′ dak kollu li rcevew jew ghad jistghu jircievu minghand it-testaturi ghal kull raguni u taht kull titolu.

3. Illi dwar Giovanna Magro li giet nieqsa fis-27 ta′ Dicembru, 2014 mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti esebiti fl-atti a fol. 9 et seq tal-process jirrizulta li rregolat il-wirt u successjoni taghha permezz ta′ l-ahhar testment tat-3 ta′ Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja li permezz tieghu fl-Ewwel Artikolu hassret u rrevokat kull testment li hi setghet ghamlet qabel dan u ordnat li dan it-testment ghandu jirregola s-successjoni taghha (ara testment a fol. 19 et seq). Permezz ta′ dan it-testment Giovanna Magro ddisponiet bil-mod segwenti:

a. lil Iris Debattista hallitilha b′titolu ta′ legat sehemha miz-zewg (2) garages li jinsabu fi Triq l-Imterqa, Mqabba, bla numru liema garages jinsabu t-tielet (3) u r-raba (4) mill-kantuniera eskluza l-arja taghhom.

b. lil Iris Debattista wkoll hallitilha b′titolu ta′ legat sehemha miz-zewg (2) garages li jinsabu bla numru fi Triq l-Imterqa, Mqabba, eskluz l-arja, dawn iz-zewg (2) garages huma t-tnejn (2) flimkien kontigwi u kantuniera ma′ Misrah il-Fidwa, Mqabba.

c. lil Josephine Cutajar mart Guzeppi b'titolu ta' legat hallitilha sehemha mill-flat li jinsab fit-tieni (2) sular formanti parti mill-blokk ta' flats f'Misrah il-Fidwa, Mqabba, nkluz nofs (1/2) indiviz tal-bejt tal-flat.

d. lil Pauline Bartolo mart Joseph hallitilha b'titolu ta' legat sehemha mill-flat b'entratura fuq Triq l-Imterqa, Mqabba, inkluz nofs (1/2) indiviz tal-bejt.

e. lil Pauline Bartolo mart Joseph hallitilha wkoll bhal ma kienet ghamlet fit-testment *unica charta* ma' zewgha Joseph Magro b'titolu ta' legat kull dritt li ghandha fuq l-ghalqa 'Tad-Dokkieri' fil-Qrendi bil-patt li meta Pauline Bartolo tixba' tahdem din l-art hi ccediha lil xi hadd minn hutha li tkun trid hi.

Jirrizulta wkoll li t-testatrici Giovanna Magro fis-seba' (7) artikolu kienet innominat u istitwiet bhala eredi universali u padruni assoluti ta' gidha kollha ghal wara mewtha fi kwoti ugwali bejniethom lil uliedha Iris Debattista, Josephine Cutajar u Pauline Bartolo bis-sostituzzjoni volgari ghal uliedhom f'kaz ta' premorjenza u mankanza bid-dritt ta' akkrexximent bejniethom.

Dwar it-tlett (3) ulied l-ohra Elizabeth Zammit, Carmen Zammit u Miriam Sacco, t-testatrici Giovanna Magro ddisponiet billi hallitilhom is-sehem riservat skont il-ligi u dan billi skonta ghal diversi snin urew nuqqas ta' rispett lejha.

4. Illi mill-atti jirrizulta wkoll li t-testatrici Giovanna Magro, wara l-ahhar testment taghha tat-3 ta' Frar, 2010 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (appena kwotat), bieghet u trasferiet lill-intimata

Iris Debattista flimkien ma' zewgha Anthony Debattista, s-sehem taghha konsistenti fin-nofs (1/2) indiviz u kull dritt li jista' jkollha fil-garaxxijiet numru wiehed u tletin (31) u tlieta u tletin (33), eskluz l-arja, inkluz is-sottoswol, b'kuntratt tad-9 ta' Marzu, 2011 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (fol. 440).

5. Illi bejn il-partijiet ghaddew diversi korrispondenzi in konnessjoni mal-porzjoni riservat madanakollu ma kienx hemm qbil.

   Da parti taghhom l-intimati kienu qed jinsistu li l-valur tal-immobbli kellu jkun fuq ir-rapport tal-Perit Joseph Attard – il-Perit inkarigat sabiex jaghti l-valuri tal-immobbli ghad-dikjarazzjoni *causa mortis*. Ir-rikorrenti da parti taghhom kienu qeghdin jinsistu li l-valur tal-porzjon riservat ghandu jigi stabbilit fuq dawk il-valuri ndikati mill-Perit George Schembri – l-perit inkarigat minnhom. Jirrizuta li l-intimati Josephine Cutajar u Iris Debattista bghatu wkoll ittri b'cekk bl-ammont li skonthom kien jirrapprezentaw il-porzjon riservat madanakollu dan ma giex accettat mir-rikorrenti (ara ittri a fol. 244 et seq tal-process).

   Minhabba dan in-nuqqas ta' qbil l-intimata Josephine Cutajar iddepositat taht l-awtorita' tal-Qorti, permezz ta' tlett (3) cedoli separate, fil-konfront tat-tlett (3) rikorrenti s-somma ta' €3,993.72 kull wiehed sommha li skontha tirrapprezenta s-sehem riservat tal-omm li kien ghadu dovut. L-istess sar mill-intimata Iris Debattista fejn ukoll iddepositat l-ammont ta' €3,608.89 (ara kopja tac-cedoli tar-rikorrenti Carmen Zammit a fol. 250 et seq tal-process). Jirrizulta li r-rikorrenti ma zbankawx ic-cedoli msemmija.

6. Stante n-nuqqas ta' qbil ir-rikorrenti Carmen Zammit, Elizabeth Zammit u Miriam Sacco intavolaw il-kawza odjerna nhar l-1 ta' April, 2016 li permezz taghha talbu li l-Qorti tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn l-imsemmija Joseph u Giovanna konjugi Magro u taqsam l-imsemmija komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali u jigu assenjati kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Magro. Talbu wkoll li l-Qorti tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Magro billi jigu dikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-gid l-iehor parafernali taghha. Talbu li l-Qorti tillikwida l-assi partikolari ta' Giovanna Magro billi jigu dikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-gid l-iehor parafernali taghha. Talbu li l-Qorti taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta' Joseph Magro f'sitt (6) porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati lill-kontendenti u konsegwentement tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni rigwardanti l-assi ta' Joseph Magro, inkluz l-immissjonijiet fil-pussess tal-legati. Talbu wkoll li l-Qorti tillikwida s-sehem riservat spettanti lilhom rikorrenti mill-wirt ta' ommhom Giovanna Magro u tordna lill-intimati jhallsuhom dak is-sehem riservat hekk likwidat flimkien mal-imghaxijiet fuq l-istess.

7. Illi jigi nutat li fil-mori tal-kawza l-immobbli in divizjoni derivanti mill-wirt u successjoni tal-mejta Joseph u Giovanna konjugi Magro gew lkoll mibjugha permezz ta' tlett (3) kuntratti bi qbil bejn il-partijiet.

Dwar is-sehem ta' nofs indiviz ta' Elizabeth Zammit mill-garages bin-numru hamsa u tletin (35) u sebgha u tletin (37) fi Triq l-Imterqa, Mqabba dawn gew mibjugha lil Anthony u martu l-intimata Iris Debattista permezz ta' kuntratt tal-4 ta'

Marzu, 2019 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (fol. 453). Il-maisonette mmarkat bin-numru wiehed bl-isem ta' 'Joan', f'Misrah il-Fidwa, Mqabba mizmum bi proprjeta' fi kwota ta' tlett kwarti (3/4) minn Josephine Cutajar u kwart (1/4) minn Carmen Zammit gie wkoll mibjugh lil terzi David u Iris konjugi Falzon permezz ta' kuntratt tal-20 ta' Novembru, 2019 fl-atti tan-Nutar Melvin Polidano (fol. 456). L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2), blokk minghajr isem, f'Misrah il-Fidwa, Mqabba gie mibjugh billi dan sar minn Pauline Bartolo fir-rigward tal-kwota ta' tlett kwarti (3/4) u fil-kwota ta' kwart (1/4) minn Miriam Sacco u dan lill-istess terzi konjugi Falzon permezz ta' kuntratt fl-istess data tal-20 ta' Novembru, 2019 fl-atti tal-istess Nutar Melvin Polidano (fol. 477).

Jirrizulta illi l-kuntratti suesposti gew preceduti b'kuntratt ta' immissjoni fil-pussess bejn il-partijiet kollha datat 26 ta' Frar, 2019 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja a fol. 490 et seq tal-process.

Jirrizulta ghalhekk li dik il-parti tal-kawza relatata mad-divizjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Joseph Magro giet ezawrita billi m'ghadx hemm in-necessita' ta' divizjoni tal-assi tal-mejjet Joseph Magro gjaladarba dawn inbieghu. Jibqa ghalhekk x'jigi likwidat is-sehem riservat tar-rikorrenti mill-wirt tal-omm Giovanna Magro.

**<u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-mejta Giovanna Magro u hlas tas-sehem riservat lir-rikorrenti Carmen Zammit et:</u>**

Illi kif inghad aktar il-quddiem Giovanna Magro giet nieqsa fis-27 ta' Dicembru, 2014 (fol. 8) u ghalhekk japplika ghall-kawza

odjerna l-Artikoli 615 et seq tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decujus. Illi l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.
>
> 616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'

**Assi ereditarji tal-mejta Giovanna Magro:**

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Giovanna Magro mad-data tal-mewt taghha kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**Proprjeta' mmobbli:**

1. Nofs (1/2) indiviz mill-fond ossia maisonette bin-numru wiehed (1) bl-isem ta' 'Joan', Misrah il-Fidwa, Mqabba, flimkien ma' nofs indiviz tal-arja sovrastanti;

2. Nofs (1/2) indiviz tal-appartament bin-numru 2 fi blokk minghajr isem fi Triq l-Imterqa, Mqabba, flimkien ma' nofs indiviz tal-arja sovrastanti l-istess appartament;

3. Nofs (1/2) indiviz tal-garaxx bin-numru 35 fi Triq l-Imterqa, Mqabba;

4. Nofs (1/2) indiviz tal-garaxx bin-numru 37 fi Triq l-Imterqa, Mqabba;

5. Sehem ta' wiehed minn sebgha (1/7) mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Muddajn', limiti tal-Qrendi;

6. Sehem ta' wiehed minn sebgha (1/7) mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Hniena' fil-limiti tal-Qrendi;

Illi dwar din l-ghalqa l-intimata Josephine Cutajar fl-affidavit taghha a fol. 345 et seq tal-process tghid illi '…*Rigward din l-ghalqa ta' "Tal-Hniena" li giet imsemmija minn Carmen, Elizabeth u Miriam, u li huma talbu s-sehem rizervat fuqha, ta' min jghid li din l-ghalqa ma tappartjenix lil ommi u lil hutha, hekk kif qed jigi allegat minnhom, u ghaldaqstant ma ghandi l-ebda sehem fuqha. Prova ta' dan hija r-ricerka li saret mill-kugini tieghi wara l-mewt ta' ommhom Karmena (DOK 14).*'

Illi l-intimata Iris Debattista fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ntavolata nhar is-16 ta' Awwissu, 2022 (fol. 1048) dwar l-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Hniena' tghid illi din ma' tappartjenix lill-eredita' tal-mejta ommha Giovanna Magro u dan kif jirrizulta minn ricerka li saret u li giet prezentata fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok JC14 annessa mal-affidavit tal-intimata Josephine Cutajar b'dan li l-ghalqa m'ghandiex titqies bhala parti mill-eredita'.

Illi l-Qorti rat in-nota ntavolata in segwitu ghal provvediment tal-Qorti diversament preseduta moghti fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju, 2016 (fol. 53) fejn kienet ordnat li r-rikorrenti jipprezentaw prospett tal-assi mmobbli b'nota fi zmien gimgha bin-notifika/visto tad-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom gimgha biex iwiegbu b'nota jekk jaqblux jew le. Rat li l-intimati Josephine Cutajar u Iris Debattista prezentaw noti responsivi a fol. 60 et seq tal-process fejn jirrizulta li dwar l-ghalqa msejha bhala 'Tal-Hniena' it-tnejn qablu li din tifforma parti mill-assi tal-mejta Giovanna Magro ghajr li gibdu l-attenzjoni li din l-art prezentament qieghda f'idejn wiehed min-neputijiet – kugin tal-partijiet u ilha f'idejh madwar hamsa u tletin (35) sena.

Illi minn analizi tar-ricerka li ghaliha saret referenza, annessa mal-affidavit tal-intimata Josephine Cutajar a fol. 345 et seq jirrizulta li effettivament din mhijiex ricerka fir-registru pubbliku pero' ricerka fir-registru tal-artijiet li tirrapprezenta biss certifikat ta' titolu. Minn analizi ta' dan ic-certifikat ta' titolu jirrizulta li l-art hemm indikata m'hijiex maghrufa bhala 'Tal-Hniena', Qrendi pero' bhala 'Ta' Habel Hamri', Zurrieq. Jirrizulta wkoll li l-kwota hemm indikata hija limitata ghal kwota ta' nofs (1/2) indiviz b'dan li anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi kkunsidrat li l-art hija l-istess, m'huwiex eskluz li l-mejta Giovanna Magro kellha l-kwota ta' wiehed minn sebgha (1/7) mill-imsemmija art. Fid-dawl ta' dak espost, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dan l-argument tal-intimati dwar l-art maghrufa bhala 'Tal-Hniena' fil-limiti tal-Qrendi.

7. Nofs (1/2) indiviz tal-qabar bin-numru 222 fic-cimiterju tal-Qrendi;

8. Sehem shih mill-qabar bin-numru 17C fic-cimiterju tal-Qrendi (ara kuntratt a fol. 126 et seq tal-process);

9. Sehem ta' wiehed minn sebgha (1/7) mill-qabar ta' Nicolina Vella fic-cimiterju tal-Qrendi.

**<u>Flus u kreditu:</u>**

Illi mill-atti jirrizulta li l-mejta Giovanna Magro kellha s-segwenti flus u krediti:

1. L-ammont ta' €4,212.47 fil-kont bankarju bin-numru 078-080116-050 mal-bank HSBC Bank Malta plc (ara xhieda tar-rapprezentant tal-bank u statements a fol. 331 et seq tal-process).

2. L-ammont ta' €45,000 fi flus kontanti. Huwa konfermat mill-partijiet kollha fil-mori tal-kawza li l-mejta Giovanna Magro kellha fil-pussess taghha precizament fil-fond ossia maisonette bl-isem ta' 'Joan', f'Misrah il-Fidwa, Imqabba dan l-ammont fi flus kontanti.

Dan l-ammont ta' kontanti gie diviz bejn il-partijiet kollha biex b'hekk kull wahda minnhom hadet l-ammont ta' €7,500. Ghalhekk dan l-ammont ta' €7,500 ghandu finalment jigi mnaqqas mill-ammont ta' porzjon riservat likwidat favur ir-rikorrenti kollha.

3. L-ammont ta' €32,576.95 rapprezentanti kreditu likwidat b'decizjoni tal-Qorti relatata ma' esproprju ta' art fi Smart City.

**<u>Deheb:</u>**

Mill-atti jirrizulta wkoll li l-mejta Giovanna Magro kellha xi deheb liema deheb kien gie stmat minn The Gold Market li jinsab H'Attard ghal valur ta' €1,550. Jirrizulta wkoll li nhar il-15 ta' Jannar, 2015 dan id-deheb kien inxtara kollu mill-intimata Iris Debattista billi ghaddiet is-somma ta' €258.33 lil kull wahda mill-partijiet u ta' dan thalliet debita ricevuta li kopja taghha giet esebita fl-atti a fol. 257 tal-process. Dan l-ammont ta' €258.33 ghandu wkoll jigi mnaqqas mill-ammont ta' porzjon riservat likwidat favur ir-rikorrenti kollha.

**<u>Valur tal-immobbli:</u>**

Illi punt l-aktar in kontestazzjoni bejn il-partijiet huwa liema valur ghandu jigi wzat ai fini ta' kalkolu u likwidazzjoni tal-porzjon riservat.

Il-Qorti rat li din il-Qorti kif diversament preseduta, permezz ta' digriet tal-24 ta' Mejju, 2016 a fol. 53 tal-process, kienet innominat lil Perit Joseph Ellul Vincenti sabiex jaghmel stima tal-immobbli fid-data tal-apertura tas-successjoni, kif ukoll fid-data attwali. Ir-rapport tal-Perit Tekniku gie ezebit fl-atti nhar it-12 ta' Settembru, 2016 u mahluf nhar l-1 ta' Novembru, 2016 (a fol. 68 et seq tal-process).

L-intimati jsostnu li l-likwidazzjoni tas-sehem riservat m'ghandux ikun fuq il-valuri moghtija mill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti dan ghaliex isostnu li l-valuri minnu ndikati ma jirriflettux il-valur tas-suq fid-data tal-ftuh tas-successjoni tal-omm. Sabiex isahhu l-argument taghhom l-intimati jressqu bosta dokumenti konsistenti f'kuntratti u estratti minn gazzetti b'avvizi bhala prova tal-valur ta' appartamenti simili fl-Mqabba fl-istess perjodu, kif ukoll valur ta' oqbra. Permezz ta' din id-dokumentazzjoni jipruvaw juru li l-valur tal-appartamenti u tal-oqbra fid-data tal-mewt tal-omm kien ferm anqas minn dawk indikati mill-Perit Tekniku mahtur mill-Qorti. L-intimati eskutew ukoll lill-Perit Tekniku Ellul Vincenti diversi drabi izda l-Perit baqa' jinsisti li l-metodu applikat minnu kien wiehed gust mahrug bl-uzu minn 'information sheets' ippubblikati mill-Bank Centrali dwar proprjetajiet residenzjali maghduda maghhom l-esperjenza tieghu. Il-Qorti rat li l-intimati wara d-diversi eskussjonijiet ma nsistewx ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Huwa evidenti izda minn noti tal-intimati li huma baqghu ma qablux mal-valur indikat mill-Perit Tekniku Ellul Vincenti.

Illi dwar il-valur tal-immobbli konsistenti fl-appartament, mezzanin u garaxxijiet jigi nutat li dawn gew mibjugha fil-mori tal-kawza hekk kif indikat aktar il-quddiem fis-sezzjoni **'Fatti:'**.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Christopher Brincat et -vs- Emanuela Caruana** kkwotata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' April, 2017 li fiha sar referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Dicembru, 1973 fl-ismijiet **Emilia Mifsud et -vs- Elenora Mizzi noe et** (mhix pubblikata) fejn inghad illi:

> 'Illi dan il-kriterju izda jinbidel meta ssir aljenazzjoni mill-werrieta ta' parti mill-wirt wara l-ftuh tieghu u waqt li jkun ghaddej is-smigh tal-kawza. F'dik ic-cirkustanza, il-valur tal-gid hekk trasferit ghandu jitqies bhala dak taz-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali;'

Il-Qorti temmen li fil-kaz odjern ghandu jigi wkoll applikat dan l-insenjament billi jittiehed bhala valur dak l-iktar qrib possibli ghall-pronunzjament gudizzjali. Fil-kaz tal-mezzanin, flat u garaxxijiet l-valur huwa dak li johrog mill-kuntratti tal-4 ta' Marzu, 2019 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (fol. 453) u dawk fil-kuntratti tal-20 ta' Novembru, 2019 fl-atti tan-Nutar Melvin Polidano (fol. 456 et seq tal-process). Dwar il-garaxxijiet il-valur ghan-nofs (1/2) indiviz taghhom huwa dak ta' €30,000 cioe' €15,000 kull garage. Dwar il-mezzanin flimkien ma' nofs indiviz tal-arja l-valur tieghu li ghandu jittiehed kont huwa dak ta' €111,000 (ghan-nofs indiviz). Dwar l-appartament flimkien ma' nofs (1/2) indiviz tal-arja, l-valur li ghandu jittiehed kont tieghu huwa dak ta' €109,000 (ghan-nofs indiviz).

Punt iehor in kontestazzjoni bejn il-partijiet huwa l-valur tal-oqbra billi skont l-intimati l-valur attribwit lill-oqbra bin-numri 17C u 222 fic-cimiterju tal-Qrendi fl-ammont ta' €25,000 ghall-intier kull wiehed huwa wiehed ezorbitanti.

Illi l-Qorti tirrileva li ma tistax tiskarta r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjonijiet ta' tali relazzjoni ma kinux gusti u korretti u taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Paul Chetcuti -vs- Anthony Chetcuti et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Settembru, 2016 kif isegwi:

> 'Din il-Qorti tirrileva wkoll bhala fatt illi wara li l-perit tekniku halef ir-rapport tieghu, il-konvenuti rrinunzjaw ghall-hatra ta` periti teknici addizzjonali u llimitaw ruhhom ghall-eskussjoni tal-perit tekniku. Fis-sentenza taghha tat-23 ta` Gunju 1967 fil-kawza "**Bugeja et vs Muscat et**" il-Qorti tal-Appell rrilevat illi :-
>
> l-"*giudizio dell` arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.*"'.

Dwar il-valur tal-oqbra l-Perit Tekniku Ellul Vincenti fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2018 a fol. 288 et seq tal-process jghid illi:

> '…Regghu gabuli cutting tat-Times of Malta fejn qed jghidu li l-gvern ser jaghti bi tmient elef kull qabar. Vera li l-gvern ser jaghti elfejn qabar bi tmient elef ewro-il wiehed. Imma dak it's a social price. M'hemmx il-prezz reali tal-qabar. U dan ikun qabar semplici mhux qabar finished bl-irhama, bil-granit, bil-dak kollu fih!'

Illi l-Qorti in parte taqbel ma' dak iddikjarat mill-Perit Tekniku

Ellul Vincenti u cioe' li l-valur tal-oqbra mahruga mill-Gvern huwa 'social price' – prezz issussidjat u l-istat tal-qabar ikun wiehed 'shell form'. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li anke tenut kont ta' dawn il-fatturi, l-valur attribwit lill-oqbra mill-Perit Tekniku Ellul Vincenti fl-ammont ta' €25,000 huwa wiehed ezorbitanti. Il-Qorti temmen li z-zieda tal-irham/granit u d-dekorazzjoni l-ohra zgur li ma tiggustifikax l-fuq minn €15,000 zieda fil-prezz. Ghalhekk dwar il-valur tal-oqbra l-Qorti taghzeli ma tistriehx fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku Ellul Vincenti u dan ghaliex temmen bis-shih li ghalkemm jista jaghti l-kaz li huwa minnu li l-opportunita' li tixtri qabar fic-cimiterju tal-Qrendi huwa xi ftit limitat, dan xorta m'ghandux iwassal sabiex valur ta' qabar ikun fl-ammont ta' €25,000.

Il-Qorti tibbaza l-konkluzjoni taghha wkoll fid-dawl tar-rapport ex-parte tal-Perit George Schembri mressaq mir-rikorrenti nfushom fejn il-valur moghti tal-oqbra huwa ferm anqas minn dak tal-Perit Tekniku Ellul Vincenti u cioe' valur ta' €9,250 ghal qabar bin-numru 222 u €9,500 ghal qabar bin-numru 17 (ara rapport ex-parte a fol. 225 et seq tal-process). Ghalhekk ghal finijiet ta' valur tal-oqbra l-Qorti f'dan il-kaz biss ser timxi mal-valuri ndikati mill-Perit George Schembri.

Jigi rilevat li l-Qorti mxiet ma' dan il-valur billi mir-rapporti l-ohra ta' Periti esebiti fl-atti ma jirrizultax li gew ivvaluti l-oqbra (ara rapport a fol. 99 et seq tal-process u rapport a fol. 262 et seq tal-process).

**<u>Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:</u>**

1. Kwota ta' 1/2 mill-mezzanin 'Joan', f'Misrah il-Fidwa, Mqabba + 1/2 l-arja - €111,000;

2. Kwota ta' 1/2 mill-appartament numru 2, fi Triq l-Imterqa, Mqabba + 1/2 l-arja - €109,000;
3. Kwota ta' 1/2 mill-garaxx numru 35 fi Triq l-Imterqa, Mqabba - €15,000;
4. Kwota ta' 1/2 mill-garaxx numru 37 fi Triq l-Imterqa, Mqabba - €15,000;
5. Kwota ta' 1/7 mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Hniena', limiti Qrendi - €3,428.57;
6. Kwota ta' 1/7 mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Muddajn' limiti Qrendi - €10,000;
7. Sehem shih mill-qabar bin-numru 17 - €9,500;
8. Kwota ta' 1/2 mill-qabar bin-numru 222 - €4,625;
9. Kwota ta' 1/7 mill-qabar bin-numru 118 - €2,571.43 (valur tal-Perit Tekniku Ellul Vincenti.
10. Flus kontanti - €45,000;
11. Flus il-bank – 4,212.47;
12. Deheb - €1,550;
13. Kreditu mill-esproprju tal-art formanti parti minn Smart City - €32,576.95.

**Total: €363,464.42**

**Jirrizulta ghalhekk li sehem ir-rikorrenti Carmen Zammit, Elizabeth Zammit u Miriam Sacco bhala porzjon riservat (1/12) jammonta ghas-somma ta' tletin elf mitejn tmienja u tmenin Ewro u sebghin centenzmu (€30,288.70) kull wahda minnhom.**

Illi mhux kontestat li r-rikorrenti gja rcivew xi ammonti b'dan li dawn ghandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut. Ir-rikorrent gja rcevew kif isegwi:

1. €7500 – rapprezentanti parti mill-flus kontanti;

2. €2,714.75 – rapprezentanti l-flus mill-kreditu derivat mill-esproprju ta' Smart City;
3. €258.33 – rapprezentanti l-bejgh tad-deheb.

**<u>Jirrizultra ghalhekk li s-sehem dovut lir-rikorrenti Carmen Zammit, Elizabeth Zammit u Miriam Sacco bhala porzjon riservat wara li jitnaqqas dak gja ricevut huwa fis-somma ta' dsatax-il elf tmien mija u hmistax-il Ewro u tnejn u sittin centezmu (€19,815.62) kull wahda minnhom.</u>**

**<u>Imghax:</u>**

Illi s-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 615 tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Jipprovdi wkoll li l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jinhtiegu tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabilixxi rata ta' imghax anqas minn dik stabilita' fl-Artikolu 1139 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-sub-artikolu 2 jaqra kif isegwi:

> '(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu

1139.’

Il-Qorti rat li l-kawza odjerna giet intavolata nhar l-1 ta’ April, 2016 u l-intimati gew notifikati bil-kawza fil-15 ta’ April, 2016 ghalhekk ferm qabel l-gheluq tat-terminu ta’ sentejn stipulat mill-ligi. Il-Qorti tinnota wkoll li l-kawza filwaqt li kienet fl-istadju tal-provi rikorrenti mxiet b’pass mghaggel u tajjeb, meta giet fl-istadju tal-provi tal-intimati l-andament kien wiehed pjuttost kajman b’numru konsiderevoli ta’ xhieda u dokumenti mressqa tista’ tghid minghajr rilevanza (partikolarment dwar qbiela) li wasslu sabiex twal il-process u wkoll spicca fi process verament voluminuz. Il-Qorti rat izda li l-intimati ghamlu diversi tentattivi sabiex jaslu fuq il-hlas tal-porzjoni riservat qabel l-intavolar tal-kawza odjerna u n-nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet kien unikament minhabba disgwit fuq il-valur tal-immobbli. Ma jistax jinghad li d-distakk bejn iz-zewg partijiet kien wiehed verament minimu billi a kuntrarju jirrizulta li r-rikorrenti ser jiehdu ammont ferm akbar minn dak offrut lilhom u depositat il-Qorti. Ghalhekk, din il-Qorti wara li kkunsidrat il-fatti u c-cirkostanzi kollha elenkati tqis li jkun ekwu u gust mal-partijiet kollha li l-jedd tal-imghax tar-rikorrenti jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-kawza odjerna u cioe’ mill-15 ta’ April, 2016.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma’ dak hawn deciz tghaddi sabiex tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel parti tal-ewwel talba bhala sorvolata stante li l-beni mobbli u mmobbli ta' Joseph Magro m'ghadhomx formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti billi gew mibjugha fil-mori tal-kawza, ai fini ta' kalkolu ta' legittima tilqa' l-kumplament tat-talba u tiddikjara l-beni mobbli u mmobbli ta' Giovanna Magro formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll dawk parafernali bhala dawk indikati taht is-sezzjoni '**Assi ereditarji tal-mejta Giovanna Magro:**';

2. Tiddikjara t-tieni talba fejn jirrigwarda l-assi tal-mejjet Joseph Magro bhala sorvolata filwaqt li tilqa' l-kumplament tat-talba u tassenja dawk l-immobbli u l-mobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti inkluz dawk il-proprjetajiet parafernali ndikati fis-sezzjoni '**Assi ereditarji tal-mejta Giovanna Magro:**' lil Giovanna Magro;

3. Tiddikjara t-tielet talba sorvolata;

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida l-assi partikolari ta' Giovanna Magro billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti u l-gid parafernali kif indikati fis-sezzjoni '**Assi ereditarji tal-mejta Giovanna Magro:**';

5. Tiddikjara l-hames talba sorvolata;

6. Tiddikjara s-sitt talba sorvolata;

7. Tilqa' s-seba' talba u tillikwida s-sehem riservat spettanti lir-rikorrenti fuq il-wirt ta' ommhom Giovanna Magro, eskluzi l-ammonti li gia rcevew kif suespost deciz u mnaqqsa mill-Qorti, fl-ammont ta' dsatax-il elf, tmien mija u hmistax-il

Ewro u tnejn u sittin centezmu (€19,815.62) kull wahda minnhom, cioe' fl-ammont totali li ghadu dovut ta' disgha u hamsin elf, erba' mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€59,446.86) hekk kif kalkolat fis-sezzjoni '**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:**';

8. Tilqa' t-tmien talba u tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti bin-numru 7 flimkien mal-imghax fuq l-istess somma li ghadha dovuta mill-15 ta' April, 2016.

Gialadarba l-kawza giet limitata fuq il-porzjon riservat, l-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-intimati fi kwoti ugwali bejniethom salv ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku nominat mill-Qorti li ghandhom jigu sopporati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**10 ta' Jannar, 2023**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Jannar, 2023**